REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/405

tal-21 ta' Novembru 2017

li jikkoreġi xi wħud mill-verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 456(1)(j) tiegħu,

Billi:

(1) Il-verżjoni tal-lingwa Olandiża tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fiha żball fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 429a(3) imdaħħal bir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/62 ([2]) li jikkonsisti f'referenza żbaljata li minħabba fiha jitnaqqas il-kamp ta' applikazzjoni tal-kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati mill-operaturi. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra mhumiex affettwati.

(2) Il-verżjoni tal-lingwa Ċeka tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fiha żball fl-Artikolu 429b(4) imdaħħal bir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/62 li minħabba fih il-kundizzjoni li tirregola l-użu ta' metodu ssimplifikat tal-kollateral finanzjarju tinftiehem bis-sens oppost għal dak tal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra mhumiex affettwati.

(3) Il-verżjoni tal-lingwa Litwana tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fiha żball fl-Artikolu 429b(4) imdaħħal bir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/62 fir-rigward tad-determinazzjoni taż-żieda. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra mhumiex affettwati.

(4) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiġi kkoreġut skont dan.

(5) Għal raġunijiet ta' ċertezza tad-dritt, dan ir-Regolament għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/62,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(ma japplikax għal-lingwa Maltija)

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-18 ta' Jannar 2015.

([1]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.
([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/62 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-proporzjon ta' ingranaġġ (ĠU L 11, 17.1.2015, p. 37).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Novembru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER